**Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili**

**Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.**

Seduta ta' nhar it-Tnejn 8 ta' Jannar 2001

Citazzjoni numru 1871/99 AJM

Kawza numru

Anthony Caruana

Vs

John Bonello

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fid-19 ta' Awissu 1999 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta li l-konvenut ppresenta protest gudizzjarju fit-23 ta' Gunju 1999 u zewg ittri ufficjali t-tnejn presentati fit-13 ta' Awissu 1999 kollha quddiem din l-Onorabbli Qorti kontra l-attur fejn fihom semma li l-attur qed jabbuza mill-kariga tieghu ta'Kunsillier fil-Kunsill Lokali, Marsa u qieghed jikser l-obbligi tieghu bhala Kunsillier peress li qed jivvjola kontinwament id-drittijiet civili u kostituzzjonali tal-konvenut; illi dawn l-allegazzjonijiet difamatorji gew ppubblikati fil-gazzetti; illi l-konvenut ta malafama lill-attur billi attribwilu fatti determinati bl-iskop li joffendi l-unur u l-fama tieghu u jesponieh ghad-disprezz u ghar-ridikolu tal-pubbliku; illi bhala l-parti offiza huwa

ghandu d-dritt ghad-danni kontemplati fl-artikolu 28 ta' l-Att ta' l-Istampa; tala li din il-Qorti:-

1. tiddikjara li l-konvenut permezz ta'protest gudizzjarju fit-23 ta' Gunju 1999 u zewg ttri ufficjali t-tnejn prezentati fit-13 ta' Awissu 1999 kollha quddiem din l-Onor Qorti, u kif gie rraportat il-protest fil-gazzetti taw malafama lill-attur billi attribwielu fatti determinati bl-iskop li joffendu l-unur u l-fama tieghu u jesponieh ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku;
2. tillikwida s-somma [li ma teccedix is-somma ta' hamest elef lira maltin (LM5,000)] dovuta lill-attur bhala danni u dan ai termini ta' l-Att dwar l-Istampa (Kap 248);
3. tikkundanna lill-konvenuti biex ihallsu lill-attur dik is-somma kif tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti in linea ta' danni.

Bl-ispejjes kollha, inkluz il-kontro protest tas-27 ta' Lulju 1999 u ittra interpellatorja u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-attur.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fit-13 ta' April 2000 li permezz taghha eccepixxa:-

1. Illi preliminarjament hemm id-dezerzjoni tal-kawza stante li l-procedura bil-miktub ma gietx maghluqa fi zmien perentorju ta' sitt xhur mill-presentata tac-citazzjoni.
2. Illi l-protest gudizzjarju fl-ismijiet "John Bonello vs Anthony Caruana" tat23 ta' Gunju 1999 u l-pubblikazzjoni ta' l-istess protest gudizzjarju, skond l-Att dwar l-Istampa (Kap 248) huma

privileggjati u ma jistghu jaghtu lok ghall-ebda azzjoni bhal dik tentata mill-attur.

3. Illi z-zewg ittri ufficjali tat-13 ta' Awissu, 1999 fl-ismijiet "John Bonello vs Anthony aruana" ma gew ippubblikati fl-ebda gazzetta u ghalhekk skond l-Att dwar l-Istampa (Kap 248) ma jistghu jaghtu lok ghal ebda azzjoni bhal dik tentata mill-attur u in ogni caso anki jekk kienu jigu ppubblikati dawn l-ittri ufficjali, skond l-imsemmi Att dwar l-Istampa huma privileggjati u ma jistghu jaghtu lok ghall-ebda azzjoni bhal dik tentata mill-attur.

4. Illi l-pretenzjonijiet attrici u t-talbiet attrici huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda b l-ispejjes kontra l-attur stess peress li l-konvenut ma kkaguna l-ebda difamazzjoni u l-ebda danni lill-attur, u peress li l-protest gudizzjarju u l-ittri ufficjali huma procediment gudizzjarju li ma fihomx allegazzjonijiet libelluzi jew defamatorji fir-rigward ta' l-attur, anzi saru skond il-ligi:-

[i] ghas-salvagwardja u ghall-protezzjoni tad-drittijiet civili u kostituzzjonali tal-konvenut, inkulzi d-drittijiet proprjetarji tal-konvenut.

[ii] ghall-interruzzjoni tal-preskrizzjoni skond l-artikolu 2128 tal-Kodici Civili (Kap 16) in vista tad-danni ngenti u tal-perikolu kostanti li l-attur ikkaguna u li qieghed jkompli jikkaguna kemm fuq il-proprjeta tal-konvenut u kif ukoll lill-konvenut u lill-familja tieghu stante li l-attur permezz ta' sewqan sperikolat u perikoluz jinvadi l-proprjeta' al-konvenut u b'hekk l-attur jivvjola proprjeta' tal-konvenut, jikkaguna danni u perikolu u jhedded is-sigurezza u s-sigurta' tal-konvenut u tal-familja tieghu, u inoltre l-attur istiga, kif huwa stess jammetti f'din il-kawza, lil terzi persuni kontra l-konvenut, u

[iii] bhala bidu tal-proceduri gudizzjarji li l-konvenut istitwixxa kontra l-attur in segwitu ghall-fuq imsemmi l-agir illegali ta' l-istess attur, liema proceduri gudizzjarji tkomplew mill-konvenut permezz ta' kawza civili istitwita mill-konvenut kontra l-attur fl-ismijiet: "John Bonello vs Anthony Caruana" liema kawza civili hija pendenti, ghandha n-numru tac-citazzjoni 1931/99 GV u tinsab differita ghall-14 ta' April, 2000.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-24 ta' Mejju 2000 ta' din il-Qorti diversament preseduta, meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tal-14 ta' Gunju 2000 sabiex tigi trattata u deciza.

Rat il-verba ta' l-udjenza tas-seduta msemmija meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza fuq lewwel eccezzjoni bil-fakolta' lill-partijiet jippresentaw noti ta' osservazzjonijiet.

Hadet konjizzjoni tas-sottomissjonijiet tal-kontendenti.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

L-eccezzjoni li qed tigi ezaminata f'din is-sentenza hija dik ta' dezerzjoni tal-kawza sollevata mill-konvenut a termini ta' l-artikolu 963 tal-Kodici ta'Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Dan l-artikolu jippreskrivi li "*Bla hsara tad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 416 u 420* (li jitkellmeu dwar proceduri fuq konkorsi ta' kredituri*), il-procedura bil-miktub, f'kull kawza, ghandha tigi maghluqa, fil-qorti ta' l-ewwel grad, fi zmien* **perentorju** *ta' sitt xhur, u, fil-qorti tal-grad ta'appell, fi zmien perentorju ta' sena."*

Skond l-artikolu 158 (12) tal-Kap 12, il-procedura bil-miktub quddiem qorti titqies maghluqa bil-presentata tan-nota tal-eccezzjonijiet.

Qed jigi sottomess mill-konvenut li gia la darba l-kawza giet istitwita fid-19 ta' Awissu 1999 dina marret dezerta *per legge* meta iddekorra periodu ta' aktar minn sitt xhur mid-data tal-presentata tac-citazzjoni u in-nota ta' l-eccezzjonijiet li giet presentata fit-13 ta' April 2000.

L-attur qed jissottometti li huwa ma kellu ebda kontroll fuq id-data tal-appuntament tal-kawza li b'digriet tal-Qorti tas-17 ta' Jannar 2000 giet appuntata ghas-seduta tal-24 ta' Mejju 2000. Izda dan l-argument lanqas ireggi billi ghandu jigi rilevat li dak inhar tad-digriet li bih l-kawza giet appuntata kien hemm zmien bizzejjed sabiex l-konvenut jigi notifikat fit-terminu preskritt fl-artikolu fuq imsemmi billi ghad kien fadal xahar zmien ghall-iskadenza tal-istess terminu.

Illi t-terminu preskritt fl-artikolu fuq imsemmi huwa wiehed perentorju u jobbliga lil din il-Qorti li jiddikjara dezerta l-kawza odjerna stante li l-proceduri ma gewx konkjuzi kif previst. Dan gie ribadit mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-10 ta Jannar 1994 fil-kawza fl-ismijiet Albert Sacco vs Anthony Sacco fejn dik il-Qorti hasset il-htiega li tghid hekk:- "Dak li r-rikorrent finalment ma apprezzax huwa li l-kelma "perentorju" gejja mill-verb latin "perimo" li tfisser – **tnehhi kompletament,** jew **tiehu**

**kollox kompletament** u, ewfemistikament, akkwistat is-sinifikat ta' annullament, distruzzjoni, annihilament, u f'dan is-sens hija id-Digest ta' Gustiniano."

Ghalhekk kif qalet l-Qorti tal-Appell "Abbinati l-artikolu 963 u 146 [fil-kaz tal-Prima istanza artikolu 158 (12)] – mehuda in konsiderazzjoni s-sens preciz tal-kliem uzat mil-ligi – din il-Qorti ma tistax hlief tichad kull pretensjoni ta' (l-attur)."

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tilqa l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut u tiddikjara l-kawza dezerta a termini ta' l-artikolu 963 tal-Kap 12.

Spejjes ghall-attur.

Onor Imhallef Albert J.Magri